# Ir-Riforma Edukattiva: Il-Kisba tal-Kompetenzi l-Aktar Bażiċi

minn **Leonard Grech** (Assistent Direttur, Assessjar għat-Tagħlim)

(Dan l-artiklu kien ppubblikat ghal l-ewwel darba fil-gazzetta *Il-Mument* tat-22 ta' Frar 2009)

Winston għandu ħdax-il sena u qiegħed fl-ewwel sena tas-Sekondarja. Kemm hu kif ukoll il-ġenituri tiegħu u l-għalliema jafu li għandu problema serja. Winston bilkemm jaf jaqra, jaqla' fwiedu biex jgħidlek vers minn gazzetta. Għalhekk huwa jħossu ħuta barra mill-ilma, għax, ngħiduha kif inhi, x'tagħmel illum jekk ma tkunx taf taqra?

B'xorti ħażina r-realtà tal-illitteriżmu għadha magħna b'dannu kbir għall-individwu u għas-soċjetà inġenerali. Għalhekk, id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni għarbel bir-reqqa din il-kwistjoni biex jara x'jista' jsir aktar milli qed isir ħalli ma jkollniex stejjer bħal ta' Winston.

**Edukazzjoni Sħiħa**
L-iskop tal-edukazzjoni hu li t-tifel u t-tifla jiżviluppaw b'mod sħiħ. Għalhekk fid-dar u fl-iskola naraw li wliedna jikbru fiżikament b'saħħithom, ngħallmuhom kif iġibu ruħhom, nħeġġuhom biex jagħmlu l-ħbieb, nagħtuhom eżempju tajjeb biex huma jitilgħu b'valuri tajba u ma jonqosx li ngħallmuhom l-iskola. It-tfal bħal sponża, jixorbu kull ma jaraw u jisimgħu, jikkupjaw, jitgħallmu u jikbru. Imma kultant l-intoppi ma jonqsux bħal fil-każ ta' Winston, li, għalkemm huwa tifel normali u f'kollox jidher bħal sħabu tamparu, ma jistax jegħleb id-diffikultà li għandu. Fid-dinja tallum ma jistax ikollok edukazzjoni sħiħa jekk ma jkollokx il-muftieħ tal-litteriżmu. Għalhekk inħossu li huwa l-bażi tal-kompetenzi kollha. Jekk ma jkollokx il-pedamenti sodi kif tista' tibni fis-sod? Inħossu li l-qalba tal-kompetenzi hija magħmula mill-qari u l-kitba bil-Malti u bl-Ingliż, mill-għarfien tal-Matematika bażika u mil-litteriżmu diġitali, jiġifieri għarfien tal-kompjuter u ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni fid-dinja li qed ngħixu fiha.
Min-naħa waħda għandna miri ambizzjużi bħal pereżempju li 90 fil-mija jispiċċaw l-iskola Sekondarja b'ċertifikat li jkollu valur fis-suq tax-xogħol, li 85 fil-mija tal-istudenti jissoktaw jistudjaw wara s-sittax-il sena, u li Malta teċċella fl-edukazzjoni sal-2015. Min-naħa l-oħra għadna naraw il-wiċċ ikrah tal-inkompetenza f'dawk li huma s-sisien tal-għerf.

**Tnidija**
Kien minħabba f'hekk li ftit anqas minn sena ilu d-Direttorat iffoka fuq dan l-aspett tal-edukazzjoni ta' wliedna. Ħadem biex ifassal politika u strateġija nazzjonali għal dan il-qasam. Għalhekk fis-27 ta' Jannar li għadda l-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, l-Onorevoli Dolores Kristina, nidiet ktieb bl-isem *National Policy and Strategy for the Attainment of Core Competences in Primary Education.* Tajjeb ngħidu li wieħed jista jara dan id-dokument billi jmur fuq http://www.education.gov.mt/ministry/doc/core_competences.htm . Huwa dokument ta' siwi kbir għax l-għan ewlieni tiegħu huwa l-prevenzjoni kontra marda kiefra, jiġifieri l-illitteriżmu. Din hija biċċa oħra minn *jigsaw puzzle* li tifforma l-istampa sħiħa tal-edukazzjoni. F'*jigsaw puzzle* kull biċċa hija meħtieġa, imma żgur taqblu miegħi li hemm biċċiet li huma ta' sinifikat akbar minn oħrajn. Dan id-dokument huwa importantissimu propju għax jitkellem fuq il-qalba tal-kompetenzi.




**Mira Ewlenija**

Il-mira  ewlenija hi, li jekk jista' jkun, it-tfal kollha jkunu kisbu fl-livell jew grad sodisfaċenti l-kompetenzi msemmija hawn fuq, sar-raba' sena tal-Primarja. Wieħed jifhem li t-tfal mhumiex l-istess u mhux kulħadd jasal bl-istess pass u lanqas jilħaq l-istess livell. Għalhekk l-għan tagħna għandu jkun li nagħmlu minn kollox biex l-individwu jasal bil-pass tiegħu safejn huwa kapaċi jasal. Iżda hawn irridu noqogħdu attenti. Ara ma jmurx ikun hawn min jinħeba taħt l-iskuża li t-tifla mhix kapaċi u għalhekk ma tistax tasal! Ikun dnub kbir jekk ma nagħmlux ħilitna kollha biex lit-tifel u lit-tifla nwassluhom fejn għandhom jaslu.

Fost affarijiet oħra dan id-dokument jippreżenta *checklists* biex jintużaw ma' tfal tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet sena tal-Primarja fl-oqsma ta' kompetenzi li qed nitkellmu fuqhom. Dawn iċ-*checklists* huma gwida jew indikaturi biex jgħinu lill-għalliema u edukaturi oħra, fosthom ġenituri, ħalli jaraw jekk it-tfal humiex qed jiżviluppaw b'mod u b'pass li ma jġagħlekx titħasseb. L-għalliema tkun mat-tfal u tinnota l-ħin kollu. Għalhekk issir tafhom bl-gheruq u x-xniexel. Tibda tinnota, ngħidu aħna, li Frida li qiegħda Year 2 għadha ma tafx tgħodd minn wieħed sa għaxra u ma għandha l-ebda idea kif iżżid jew inaqqas; lanqas ma tagħraf ċirku minn forom oħra bħal triangolu. Dawn ikunu sinjali li Frida għandha bżonn min jiffoka fuqha aktar għax qed turu sinjali li tista' tibqa' lura. Għalhekk lil tfal bħal Frida nagħtuhom aktar ħin u attenzjoni, u magħhom nużaw b'qawwa dawk il-metodi ta' tagħlim li jidhru li qed iħallu l-frott mixtieq. Li qed ngħid hu li dawk iċ-*checklists* qegħdin hemm biex jgħinu

lill-għalliema jagħmlu assessjar tajjeb tat-tfal fl-iżvilupp tal-kompetenzi li mingħajrhom ma tistax timxi 'l quddiem. Imma kif qed ngħidu, l-assessjar irid iġib miegħu l-azzjoni, jiġifieri naraw kif b'kull mezz possibbli ngħinu lit-tifel u lit-tifla biex jikber fil-ħiliet. Jekk it-tifel jew it-tifla jibqgħu lura sa tmiem it-tielet sena tal-Primarja, hemm tixgħel bozza ħamra. Ilkoll inpoġġu rasna flimkien ħalli noħolqu pjan serju ta' azzjoni. B'kull għajnuna miċ-Ċentru, isiru sforzi min-naħa tal-iskejjel u tal-kulleġġi favur dawn it-tfal ħalli l-għan ewlieni jintlaħaq qabel ikun tard wisq.

**Taħriġ**
L-għalliema fil-klassi se jkollhom l-għajnuna. Fost l-oħrajn se jkun hemm taħriġ min-nies professjonali. L-għalliema kollha tal-Year 1, 2 u 3 f'Malta u Għawdex se jkollhom 12-il siegħa ta' taħriġ fuq id-dokument u kif dan għandu jintuża fil-klassi. Dan it-taħriġ se jkun mhux għall-għalliema tal-iskejjel tal-Istat biss imma wkoll għal dawk tal-Knisja u Indipendenti. Huma qed ikunu mistiedna biex iħaddmu d-dokument u jagħtu l-*feedback* tagħhom. Dan ikunu jistgħu jagħmluh sa Ġunju li ġej ħalli mbagħad isiru t-tibdiliet meħtieġa.

**Il-Ġenituri**
Jidħlu jew ma jidħlux il-ġenituri f'din ix-xena tal-qalba tal-kompetenzi? Dażgur li jidħlu. Kif jistgħu ma jidħlux jekk hemm l-ulied fin-nofs! Il-benniena tal-edukazzjoni hija l-familja li għandu jkollha appoġġ sħiħ mill-komunità anke qabel it-tfal jibdew imorru f'xi *play group* jew *nursery*. Imma l-ġenituri, nanniet jew nies oħra li jkunu qed jieħdu ħsieb tfal żgħar li għadhom id-dar, jeħtieġ jiftakru li hemm ħafna x'jistgħu jagħmlu huma stess. Sa mit-twelid tat-tarbija (u anke sa minn qabel it-twelid) huma għandhom fost l-oħrajn jaqrawlha, ikellmuha u fuq kollox juruha li jħobbuha. Wara ż-żmien li taqra **lit**-tarbija jiġi ż-żmien meta taqra **mat**-tarbija. Ikun ta' ġid kbir ukoll kieku t-tfal żgħar jaraw lilek taqra xi gazzetta jew ktieb. Tkun qed tagħtihom il-messaġġ li l-qari huwa sabiħ u mod kif tirrilassa. B'dan il-mod kif ukoll b'logħob li tilgħab mat-tfal tkun qed tifrixilhom is-sodda biex huma jibdew jakkwistaw il-kompetenzi bażiċi sa minn kmieni. L-iskola mbagħad tkompli tibni. Allura ta' min hi r-responsabiltà ewlenija? Sakemm it-tfal huma żgħar u għadhom id-dar ir-responsabiltà taqa' fuq il-familja u l-komunità; meta t-tfal imorru l-iskola r-responsabiltà taqa' wkoll b'qawwa kbira ħafna fuq l-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel. Xi għalliema se jkollhom tfal ġejjin minn ambjenti ta' faqar kulturali kbir u għalhekk iridu jagħmlu sforz akbar biex lil dawn it-tfal jagħtuhom dak li tilfu fis-snin bikrija. Dan huwa dmir li ħadd ma jista' jwarrab. Għalhekk aħna lkoll għandna nkunu grati għax-xogħol tant siewi li jsir fil-klassi minn għalliema ddedikati.

**Konklużjoni**
Il-ħajja tinbidel kuljum u dejjem jinħolqu sfidi ġodda. Allura l-edukazzjoni trid tiġġedded kontinwament. Idealment, is-sitwazzjoni għandha tkun mhux li l-edukazzjoni tinbidel skond il-bżonnijiet tas-soċjetà, imma li l-edukazzjoni tkun pro-attiva u tkun hi li tmexxi s-soċjetà. Mela m'għandniex nibżgħux nirranġaw u ntejbu. Dan huwa l-iskop wara r-riforma edukattiva li qed tolqot oqsma differenti. Żgur li nkunu mxejna pass kbir 'il quddiem jekk fil-qasam li qed nitkellmu fuqu jirnexxielna nilħqu lil dawk it-tfal f'riskju li jispiċċaw bla kompetenzi bażiċi. Għalhekk l-importanza ta' dan id-dokument u l-ħtieġa li kulħadd jagħti sehmu u jaqdi dmiru b'responsabbiltà u ħeġġa. Hemm fin-nofs il-futur ta' wliedna u tas-soċjetà.

---